MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Numru. 80/2007

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Josef Farrugia, iben Anthony, imwieled Pieta' fid-19 ta' marzu, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat illi b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. talli fit-23 ta' mejju, 2002 f'xi ħin wara nofs in-nhar, fiż-Żejtun, ikkometta serq ta' fluskontanti mill-fond 'Montebello Ironmongery' li jinsab f'Misrah Diċembru XIII, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (lm1,000) li sar għad-dannu ta' Victor Montebello miż-Żejtun;

2. talli fit-23 ta' mejju, 2002 f'xi ħin wara nofs in-nhar, fiż-Żejtun volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tiskorri l-għaxar liri maltin (lm10) iżda hi anqas minn ħamsin lira maltin (Lm50), li saret għad-dannu ta' Victor Montebello miż-Żejtun;
3. talli fil-lejl ta' bejn it-28 u id-29 ta' mejju, 2002, fil-Fgura, ikkometta serq ta' flus kontanti u għodod mill-fond 'Top Tools' li jinsab fi Triq Ħaż-Żabbar,liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000), li sar għad-dannu ta' Carmel Mizzi mill-Fgura;
4. talli fil-lejl ta' bejn it-28 u id-29 ta' mejju, 2002, fil-Fgura, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tiskorri l-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda hi anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500), li saret għad-dannu ta' Carmel Mizzi mill-Fgura;
5. talli fit-23 ta' mejju, 2002 u fil-ġimgħat ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu ħwejjeġ, u cioe' il-flus u l-għodod imsemmija fl-ewwel u fit-tielet akkuża, misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom;
6. talli sar reċidiv b'sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati datati 23 ta' frar, 1999 u 7 ta' mejju, 1999 liema sentenżi saru definittivi; u aktar talli kiser il-probation skond l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta (illum, l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) fejn kien ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-4 ta' ottubru, 2000 u liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' mejju, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------